# LEĦEN IL-PAROĊĊA

## TA' SAN ĠILJAN

*NGĦARFU, INĦOBBU, NIDĦLU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA*

Nru. 1 DIĊEMBRU, 1964

## IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Kulħadd jaf kemm qed jagħti importanza lill-ħajja parrokkjali l-Konċilju Ekumeniku: dan l-aħħar ġew anki mistiedna xi kappillani mid-dinja kollha biex jattendu għal-laqgħat, u anki, fejn hemm bżonn, jagħtu l-parir tagħhom.

Aħna nafu wkoll kemm hu meħtieġ li kull ġiljaniż ikun qrib il-parroċċa billi jkun jaf xi trid minnu u kemm għandu jħobbha. Hafna nies f'din il-parroċċa ma jafux x'funzjonijiet isiru fiha, ma jisimgħux il-kelma tal-kappillan, għax, minħabba li joqogħdu 'l bogħod, imorru fl-eqreb knisja biex jaqdu d-doveri reliġjużi tagħhom. Iżda ommok tibqa' dejjem ommok. Il-parroċċa tiegħek hija dejjem l-omm tiegħek, u ma tistax ma tħobbhiex. Iżda kif tħobb lil min ma tafx jew taf ftit fuqu? Għalhekk ser nippruvaw nersqu aktar lejkom b'dan il-foljett ta' darba fix-xahar, biex tgħarfu, tħobbu, u tinteressaw ruħkom mill-parroċċa.

Il-Knisja Mqaddsa trid li l-parroċċa tikkura l-erwieħ tagħha u tibża' għalihom. Għalhekk intom ukoll għandkom tkunu kburin mill-parroċċa tagħkom avolja fqira u żgħira.

Nittama li dan il-foljett ikun ħolqa bejnietna, biex nersqu aktar lejn xulxin. Aqrawh u stennewh ta' kull xahar.

Ġesù jberikkom,

IL-KAPPILLAN.

---

## XEWQAT GHALL-MILIED

**Il-Kappillan, il-Qassisin tal-Parroċċa u l-Bord Editorjali jixtiequ, permezz ta' dan il-foljett, iwasslu l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-ġiljaniżi kollha.**

## X'SER IKOLLNA F'DIĊEMBRU

**3 ta' Diċ.** Fis-6.30 p.m. quddiesa letta u priedka fuq S. Franġisk Saverju għall-benefatturi u z-zelatriċi tal-Missjoni.

**15 ta' Diċ.** Tibda n-Novena tal-MILIED. Fis-6.30 p.m. ikollna l-quddiesa kantata li fiha jkantaw il-Pueri Cantores tagħna. Infakkru li din in-novena kull sena noffruha għal dawk il-benefatturi ħajjin u mejtin li jkunu taw 20 ġebla (£2. 10s) għall-Knisja l-Ġdida.

**23 ta' Diċ.** GĦAT-TFAL: Purċissjoni bil-Bambin tal-Milied. Ibagħtu lil uliedkom bniet u subien għal din il-purċissjoni. Niltaqgħu fis-7.30 p.m. ħdejn il-Knisja Parrokkjali.

**24 ta' Diċ.** Il-funzjoni ta' bil-lejl: Niltaqgħu l-Knisja fil-11.00 p.m. biex ngħaddu siegħa flimkien bħala thejjija għall-miġja ta' Ġesù fostna. Tisimgħu Christmas Carols mit-tfal u l-membri tal-Kor Parrokkjali tagħna, u qari mill-Kotba Mqaddsa. F'nofs il-lejl eżatt toħroġ il-quddiesa, li fiha jippriedka t-tifel, li dis-sena ser ikun Vincent Barbara. — Ejjew għal din il-funzjoni sabiħa li sejra tiġi mxandra wkoll fuq ir-Rediffusion.

**31 ta' Diċ.** L-aħħar ġurnata tas-sena 1964. Xieraq li l-lejla mmorru sal-knisja biex ngħidu GRAZZI lill-Bambin ta' dak kollu li għamel magħna matul din is-sena li għaddiet. Fis-6.30 p.m. tibda l-quddiesa u wara l-priedka, ikollna t-Te Deum solenni. Wara kollox, il-Kappillan jagħtina rendikont tal-għbir kollu li jkun sar matul is-sena.

---

**EJJEW GĦALL-FIERA TAL-MILIED . . .**

. . . fis-St. Julian's Hall nhar is-Sibt u l-Ħadd, 12 u 13 ta' Diċ. Tiffrankaw il-flus u tgħinu fil-bini tal-Knisja l-Ġdida. Kollox irħas... groceries, ħaxix, tjur, ħwejjeġ, toys, fajjenza u bżonnijiet oħra. Ikollna wkoll logħob u attrazzjonijiet oħra varji. Ejjew u tiffrankaw il-flus għall-Milied.

---

FOR COMPLETE SATISFACTION BE SURE TO USE

**PASTA PORTELLI**

*FOR YOUR SPECIAL CHRISTMAS DINNER*

## META SER INSUMU F'DIĊEMBRU?

Fis-16, 18, 19 u 23. F'dawn il-ġranet lanqas jiswa laħam. Tinsewx li huma obbligati għas-sawm dawk kollha li għalqu l-21 sena u għadhom ma għalqux is-60. Ma jistgħux jieklu laħam dawk li għalqu s-7 snin.

---

## KOMPETIZZJONIJIET

Sejrin isiru żewġ kompetizzjonijiet organizzati mill-Azzjoni Kattolika (Ġuvintur):

i) għall-isbaħ presepju;

ii) għall-aħjar tiżjin tal-Milied fl-armaturi tal-ħwienet.

Għal aktar tagħrif irrikorru għand Dun Anton jew Mr. James Scicluna, ta' 4, Bay Street, San Ġiljan.

---

## BORD EDITORJALI

Il-Bord Editorjali responsabbli għal dan il-foljett huwa:

Editur: Dun Ġwann Galea.

Tagħrif fuq l-Għaqdiet u l-Clubs: Dr. A. Busuttil, M.D.

Tagħrif Storiku: Mr. James Scicluna.

Typist: Miss Ċensina Sammut.

Inkarigat mid-distribuzzjoni: Mr. Jeffrey Schembri.

---

## AKKWISTAW KOPJA

Ser joħroġ dalwaqt "Il-Milied mal-Pueri Cantores fil-Parroċċa ta' San Ġiljan", li jkun fih il-funzjoni kollha ta' bil-lejl u għadd sabiħ ta' Christmas Carols. Akkwistaw kopja: jiswa 3d biss.

---

**SALA MODERNA U RHISA**

**GĦAL TIĠIJIET SBIEĦ**

**ST. JULIAN'S HALL**

**Bookings: Dial 32805 jew 30270**

## KWARANTURI

Il-Kwaranturi ser isiru fil-parroċċa tagħna fit-30 u 31 ta' Diċembru u fl-1 ta' Jannar. Tinsewx tinviżtaw f'xi ħin tal-ġurnata lil Ġesù Sagramentat li matul dawn it-3 ijiem ikun espost jistenniena.

---

## CHRISTMAS CONCERT

Aħsbu kmieni... Tonqsux... li tiġu għall-Christmas Concert li ser isir fl-Istitut Kattoliku fit-2 ta' Jannar, 1965, b'risq il-bini tal-Knisja l-Ġdida.

Jieħdu sehem il-Kor Parrokkjali u l-Pueri Cantores tagħna, illum it-tnejn magħrufin ma' Malta kollha. Ikun hemm ukoll Varjetà sabiħa mill-aqwa pop-singers u atturi Maltin, akkumpanjati mill-BLUEBIRDS.

Ibbukkjaw mill-aktar fis. Tieħdu pjaċir u tgħinu l-Knisja l-ġdida tagħna. Ikun hawn PRIVATES apposta minn San Ġiljan.

---

## NIFIRHULHOM U NAWGURAWLHOM

10. 10. 64 Josephine Micallef minn San Ġiljan ma' Joe Frendo minn tas-Sliema.

11. 10. 64 Carmen Micallef minn San Ġiljan ma' Wilfred Magri minn tas-Sliema.

---

## MULEJ AGHTIHOM IL-MISTRIEH TA' DEJJEM

25. 10. 64 Tony Degiorgio (12-il sena), ta' 75, Main Street.

5. 11. 64 Caterina Vella (74 sena), ta' 70, B'kara Hill.

9. 11. 64 Maria Luisa Cousin (78 sena), ta' 72, Lapsi Street.

---

"Empire Press"